MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2600/1999/1

**Mario Camenzuli**

**vs**

**Miriam Camenzuli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta’ Novembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b’sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fl-1 ta’ April 1996, giet pronunzjata l-firda personali bejn l-attur u l-konvenuta.

Illi nforza ta’ l-istess sentenza gie ordnat li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tispicca mill-jum li fih dik is-sentenza ssir finali u konklusiva, kif fil-fatt saret, pero’

kwantu ghall-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni ta’ l-imsemmija komunjoni, il-Qorti ordnat li hlief ghall-vettura u ghad-dejn li jissemmew fis-sentenza, il-beni formanti parti minn dik il-komunjoni ma ghandhomx jinqasmu qabel jghaddu sitt snin mid-data tas-sentenza hekk moghtija.

Illi l-konvenuta giet awtorizzata li tibqa’ toqghod fid-dar konjugali, cjoe’ l-fond, 10, Gesu Redentur, Triq Gorg Stevens, il-Fgura, u fil-fatt il-konvenuta ghadha sa llum tirrisjedi fl-imsemmija dar ad eskluzjoni ta’ l-attur.

Illi fid-dar fejn baqghet tirrisjedi l-konvenuta kif fuq inghad, jinsabu diversi oggetti mobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet kontendenti.

Illi l-attur ghandu nteress li jikkawtela s-sehem tieghu mill-oggetti hawn fuq imsemmija, u ghal dan l-iskop ukoll talba u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ deskrizzjoni ghar-rigward ta’ l-istess oggetti billi ghandu nteress li dawn l-oggetti ma jigux rimossi mill-lok fejn jinsabu sad-data li fiha jigi biex isir il-qsim effettiv bejnu u bejn il-konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa ntitolat u ghandu nteress li jikkawtela kif fuq inghad is-sehem tieghu mill-oggetti hawn fuq imsemmija billi dawn l-oggetti jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet, kif spjegat.

(2) Tordna li jibqghu japplikaw fil-konfront tal-konvenuta l-effetti skondil-ligi tal-mandat ta’ deskrizzjoni li jgib in-numru 4962/99 u dan sad-data li fiha jigi biex isir il-qsim effettiv ta’ l-imsemmija oggetti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat fuq riferit u b’riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process.

Rat id-digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet datat 6 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 30 ta’ Marzu 2000 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament qatt ma cahdet lil zewgha minn sehmu tal-oggetti formanti il-komunjoni ta’ l-akkwisti, liema oggetti ghandhom jigu maqsuma skond is-sentenza ta’ l-Onorevoli Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta’ April 1996, izda kien anzi l-attur li cahhad lill-konenuta minn dak li haqqha billi qieghed jirrifjuta li jhallas is-sehem tieghu fuq is-self tal-Lohombus.

(2) Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost il-mandat ta’ deskrizzjoni premess gie esegwit fuq kull ma kien hemm fid-dar *10, Gesu Redentur, George Stevens Street, Fgura*, u mhux sempliciment fuq l-oggetti mobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti dak iz-zmien ezistenti bejn il-partijiet. Illi ghalhekk ghandu jigi stabbilit ezattament liema oggetti ghandhom jibqghu kolpiti bil-hrug tal-mandat premess.

(3) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju tas-suespost illi l-attrici ma ghandha bl-ebda mod tbaghti l-ispejjez ta’ din il-kawza *stante* li hi qatt ma cahdet lill-attur mid-drittijiet tieghu fuq l-oggetti mobbli premessi u li ma kien l-ebda necessita’ fattwali jew previdebbli ghall-hrug tal-mandat ta’ deskrizzjoni premess, liema mandat inhareg sempliciment sabiex tigi vessata l-konvenuta.

(4) Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

(5) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 10 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda a fol.11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 22 ta' Mejju 2000; 20 ta' Novembru 2000; 20 ta' April 2001; 27 ta' Settembru 2001; 26 ta' Novembru 2001; u 22 ta' April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta datati 23 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Veronica Galea Debono giet nominata bhala Perit Legali u nghata digriet affidavits partijiet; tad-9 t'April 2003 fejn l-inkarigu moghti lil Dr. Veronica Galea Debono gie mibdul ghal wiehed ta' Assistent Gudizzjarju; tad-19 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Galea Debono rritornat il-process; tal-4 ta' Novembru 2003 u tal-10 ta' Dicembru 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota tal-konvenuta datat 8 ta' Novembru 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha u d-decizjoni ta' bejn il-partijiet.

Rat is-seduti quddiem Dr. Veronica Galea Debono datati 29 ta' Novembru 2002 u 31 ta' Jannar 2003 fejn ma sar xejn hlief verbali; tal-14 ta' Marzu 2003 fejn l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu; tal-25 ta' Marzu 2003 fejn sar biss verbal; u tal-24 ta' April 2003 fejn xehdet il-konvenuta.

Rat l-affidavit ta' l-attur mahluf fl-14 ta' Marzu 2003.

Rat id-digriet li huwa parti minn din is-sentenza fejn ghal kull effett u bwon fini tal-ligi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat 23 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Veronica Galea Debono giet nominata bhala Perit Legali, *stante* li jidher li l-istess qatt ma hadet konjizzjoni ta' l-istess digriet, u llum ma jirrizultax li ghad baqa' bzonnu.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet isseparaw b'sentenza ta' din il-Qorti datata l-1 ta' April 1996 fil-kawza fl-ismijiet **"Miriam Camenzuli proprio et nomine vs Mario Camenzuli"** deciza mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Geatano (llum is-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef Vincent de Gaetano) fejn *inter alia* gie deciz li l-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ma ghandhomx jinqasmu (hlief ghall-karozza Suzuki u d-dejn mal-Lohombus Corporation li dwarhom hemm ordnijiet specifici fl-istess sentenza) qabel ma jghaddu sitt snin mill-istess sentenza. Din it-tip ta' dispozizzjoni saret anke minhabba nuqqas ta' provi tal-partijiet fil-kawza dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif l-istess Qorti qalet ukoll fl-istess decizjoni). Fl-istess waqt l-istess attrici f'dik il-kawza giet awtorizzata li toqghod fid-dar konjugali *10, Gesu' Redentur, Triq George Stevens, Fgura,* bl-eskuzjoni tar-ragel taghha, l-attur odjern. Illi jinghad ukoll li r-ragel gie misjub hati li ta lok ghas-separazzjoni minhabba adulterju kommess minnu.

Illi l-istess attur konsegwenti ghal din is-sentenza hareg mandat ta' deskrizzjoni numru 4962/99 fuq l-oggetti kollha mobbli li hemm fl-istess dar konjugali li fiha giet awtorizzata tghix martu ma' wliedha.

Illi skond ix-xhieda tal-konvenuta l-*main bedroom* u salott huma parafernali taghha: *fridge, cooker, stereo*, bank tal-kamra tal-banju, kamra tas-sodda tat-tifel inxtraw mill-konvenuta wara li l-attur kien telaq mid-dar konjugali u hawn wiehed jirreferi ghax-xhieda tal-konvenuta kemm bl-affidavit u kemm fis-seduta ta' l-24 ta' April 2003. Min-naha ta' l-attur huwa pprezenta lista ta' oggetti li huwa jghid li huma formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti datata 14 ta' Marzu 2003.

Illi f'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi miqugha *stante* li l-istess attur ghandu nteress li jikkawtela l-interessi tieghu fuq l-istess komunjoni u ghalhekk ghandu dritt ukoll li johrog, kif hareg l-istess mandat ta' deskrizzjoni, ghalkemm ma jidhirx li l-konvenuta kienet ser tiddisponi minnhom b'xi mod. Ghalhekk it-talbiet attrici

ghandhom jigu milqugha ghall-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li ghadhom jezistu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa ntitolat u ghandu nteress li jikkawtela kif fuq inghad is-sehem tieghu mill-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet, kif spjegat.

(2) Tordna li jibqghu japplikaw fil-konfront tal-konvenuta l-effetti skond il-ligi tal-mandat ta' deskrizzjoni li jgib in-numru 4962/99 u dan ghal dawk l-oggetti li huma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet li giet terminata bl-istess sentenza fuq citata ta' l-1 ta' April 1996 u dan jibqa' effettiv sad-data li fiha jigi biex isir il-qsim effettiv ta' l-imsemmija oggetti.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-attur abbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless mill-fatt li minkejja li l-kawza giet prezentata fis-26 ta' Novembru 1999 huwa dam sal-14 ta' Marzu 2003 sabiex ressaq il-provi tieghu u dan permezz ta' affidavit ta' l-istess data pprezentat fis-seduta ta' l-istess data quddiem l-Assistent Gudizzjarju nnominat minn din il-Qorti sabiex jisma' x-xhieda fil-kawza. Dan certament wassal sabiex din il-kawza hadet dan iz-zmien kollu sabiex tasal ghas-sentenza u dan in-nuqqas tieghu huwa rifless ukoll bin-numru ta' seduti li nzammu fejn fihom baqa' ma ressaq ebda provi. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attur ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet

ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------